# Il-kwadru tas-Ssmu Salvatur fil-Katidral ta' Għawdex

kitba ta' Mario Fenech



Waħda mill-ġawhar sbieħ li għandna fil-ġżira ta' Għawdex huwa l-Katidral fil-bini taċ-Ċitadella li fih isiru festi u funzjonijiet b'tant pompa u devozzjoni speċjalment waqt il-jiem tal-festa ta' Santa Marija.

F'dan il-katidral hemm għadd kbir ta' opri sagri artistiċi li saru matul is-snin minn artisti magħrufa. Tista' tgħid li f'dan il-katidral għandek esibizzjoni permanenti ta' xogħlijiet li saru b'sens ta' kompetizzjoni bejn artist u ieħor bil-għan li dak kollu li jsir ikun ta' livell għoli.

Wieħed minn dawn ix-xogħlijiet huwa l-kwadru ta' fuq l-altar tas-Ssmu Salvatur, xogħol ta' artist mhux magħruf li sar lejn is-sena 1736.

F'dan il-kwadru tiddomina l-figura tas-Salvatur waqt it-Trasfigurazzjoni tiegħu. Wieħed jinnota l-bjudija fl-ilbies tiegħu u d-dija ħierġa minn din ix-xena.

Tinnota wkoll l-espressjoni ta' qdusija fuq wiċċ il-figuri ta' Mosè u Elija – wieħed fuq kull naħa tas-Salvatur. Lil Mosè narawh bit-twavel tal-Kmandamenti f'idu, ippreżentati b'mod differenti minn dak tas-soltu. Lil Elija l-artist pinġih bl-ilbies ta' kulur aħmar qawwi qiegħed b'idejh ma' xulxin iqim din il-qdusija kollha mdawra mal-figura tas-Ssmu Salvatur.

Fil-parti tan-nofs ta' dan il-kwadru naraw it-tliet Appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni, maħsudin quddiem din il-ġrajja hekk importanti fil-ħajja tal-iben t'Alla fuq din l-art.

Lil Pietru, l-artist pinġieh b'ħarsa ta' ħsieb profond fuq wiċċu, filwaqt li lil Ġakbu u Ġwanni pinġihom xi ftit ħosbiena b'dak li kienu qegħdin jaraw quddiem għajnejhom.

L-isfel fil-kwadru, qaddis bl-ilbies saċerdotali qiegħed iħares 'il fuq b'devozzjoni liema bħala lejn din ix-xena. Jidher li l-qaddis huwa xi duttur

tal-Knisja bis-simboli tas-safa irrappreżentati permezz ta' ġilju abjad f'idejn wieħed mit-tliet anġli żgħar li hemm fuq iż-żewġ tarġiet u l-ktieb f'idejn anġlu żgħir ieħor ħdejn riġlejh. Dan il-qaddis jista' jkun li huwa l-qaddis ta' dak li jkun ħareġ il-flus biex sar dan il-kwadru. Din kienet xi ħaġa komuni dak iż-żmien.



Il-kuluri ta' dan il-kwadru huma sbieħ filwaqt li l-figuri huma aktar movimentati minn dawk li kultant naraw fi kwadri oħra.

Spjegazzjoni mill-isbaħ ta' dak li l-poplu kollu ta' Ħal Lija qiegħed jiċċelebra waqt dawn il-jiem tal-festa tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq l-Għolja Tabor.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

JIMMY DEBONO
MOBILE: 9947 8207
FTUĦ TA' DRENAĠĠ
Tistgħu tinqdew fil-Ħdud u l-Fest

Borg Cardona & Co. Ltd.
AGRICULTURAL VETERINARY &
GENERAL MERCHANTS

"Eltex", Dr. Zammit Str.,
Balzan BZN 08
Tel: 21442698, 21484428
Fax: 21493082

Importers & Exporters
Commission Agents